

It-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021

P9_TA(2021)0402

Ħatra tal-President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) (N9-0058/2021 – C9-0369/2021 – 2021/0902(NLE))

(Approvazzjoni)

(2022/C 132/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-lista ristretta ta' kandidati kwalifikati għall-kariga ta' President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq tas-26 ta' Novembru 2020 imfassla mill-Bord tas-Superviżuri tagħha,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2021 li tipproponi lil Verena Ross bħala President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (C9-0369/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjeg fis-servizz pubbliku ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0272/2021),
- A. billi l-mandat tal-President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq intemm fil-31 ta' Marzu 2021;
- B. billi, fid-29 ta' Settembru 2021, il-Kunsill ippropona li jaħtar lil Verena Ross bħala President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għal mandat ta' ħames snin, skont l-Artikolu 48(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;
- C. billi, fit-30 ta' Settembru 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta' smiġh ma' Verena Ross, li fiha hi għamlet stqarrija preliminari u mbagħad wiegħbet għal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;
1. Japprova l-ħatra ta' Verena Ross bħala President tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

⁽²⁾ ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0017.